MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Numru 187/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**

**V**

**JOSEPH GALEA**
**ANTONIA GALEA**
**CHRISTOPHER GALEA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JOSEPH GALEA** ta' erbgha w sittin sena bin Grazio u Carmela nee Galea, imwieled r-Rabat nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 1937 u residenti 'Josnin', Triq Durumblat, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 18338M**, ANTONIA GALEA** ta' hamsa w hamsin sena, mart Joseph u bint Guseppe Fenech u Antonia nee Muscat, imwielda l-Mosta nhar d-disgha ta' Novembru 1946 u residenti 'Josnin', Triq Durumblat, Mosta, detentrici tal-karta tal-identita numru 982546M u **CHRISTOPHER GALEA** ta' hamsa w ghoxrin sena bin

Joseph u Antonia nee Fenech, imwieled Pieta nhar l-hmistax ta' April 1976 u residenti residenti 'Josnin', Triq Durumblat, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 344776M gew imressqa quddiemha akkuzati talli nhar l-hamsa ta' Novembru 2001, ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija fil-Mosta,

1. voluntarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

2. talli fil-pubbliku qalu kliem oxxen w indecenti jew ghamlu gesti jew atti oxxeni;

3. talli hebbew kontra l-persuna ta' Joe Mamo, Charlie Mamo, Ron Mamo, Evelyn Mamo u Domenica Mamo, lkoll mill-Mosta sabiex jingurjaw, idejjqu jew jaghmlu hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor;

4. talli ghamlu lil haddiehor u cioe li l-persuni msemmija ngjurji jew theddid;

5. talli kkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq l-istess persuni skond ma ccertifika Doctor Ivan Cacciattolo MD mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

6. talli voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-detriment tal-persuni msemmija liema hsara tiskorri l-hamsin lira u ma teccidix l-hames mitt lira maltin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta tal-familja Mamo jew sabiex jinzamm l-bon ordni pubbliku, flimkien jew minflok l-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil imputati b'obbligazzjoni taghhom nfushom taht penali ta' somma flus.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sittax ta' Ottubru 2003 markat bhala dokument CSH esibit a fol 57 tal-atti odjerni sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta mill-ezami tal-imputati ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-ewwel ta' Dicembru 2003 [fol 65 et seq].

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u lil imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta ta' nhar l-hamsa ta' Dicembru 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2003 **xehed PS 667 Edgar Borg** [fol 68] fejn qal li nhar il-hamsa ta' Novembru 2001, hu kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta meta ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar kien gie nfurmat li kien hemm glieda fi Triq Durumblat, Mosta u ghalhekk mar fuq il-post fejn sab li kien hemm zewg familji nvoluti u cioe lil familja Galea u lil familja Mamo.

Qal li d-djar tal-familja Mamo u Galea jinsabu adjacenti ma xulxin pero bejniethom hemm passagg, cirka tnax il-pied wieghsa.  Qal li meta wasal fuq il-post innota li l-imputati odjerni kellhom griehi fuqhom w ghalhekk issuggerilhom li jmorru ghand tabib biex jigu ezaminati. Spjega li matul l-investigazzjoni rrizultalu li Christopher Galea kien qed jirriversja *speed boat* fl-imsemmi passagg biex idahhlu fil-garaxx u hin minnhom hargu tal-familja Mamo u bdew jakkuzawh li laqat il-hajt taghhom u dak l-hin inqala incident bejniethom u z-zewg familji bdew jiggieldu.

Innota li kien hemm rixtellu fuq n-naha tal-gemb ta' Mamo li kien miksur u kien hemm xi pjanti miksura. Christopher Galea qallu li ma kienx minnu li hu kien laqat il-hajt ghalkemm l-familja Mamo wrietu fejn allegatament kien gie milqut l-istess hajt.  Hu ra tlett cnagan milquta billi

kienu *recessed* ‘l gewwa, pero ma kienx hemm sinjali ohra u lanqas it-tikhil ma kien dislogat.

Qal li meta hu wasal fuq il-post l-glieda kienet gia sehhet u li mieghu kien hemm pulizija iehor. Qal li l-familja Mamo qalulu li l-hajt kien gie mifqugh mill-familja Galea peress li tal-familja Galea kienu dahlu ghal familja Mamo fid-dar taghhom, pero l-familja Galea kienu qalulu li dan ma kienx minnu. Huwa rriskontra griehi kemm fuq il-familja Galea kif wkoll fuq l-familja Mamo. Spjega li x-xatba in kwistjoni ma kienetx wahda tal-injam mormi u hu talabhom sabiex igibulu stima tax-xatba u tal-hsarat li kien hemm fuqha. Qal li x-xatba tinfed ghal god-dar ta’ Mamo mill-passagg imsemmi. Fisser li ta’ Mamo qalulu li meta nqalghet l-glieda, huma rtiraw fid-dar u ta’ Galea dahlu ghalihom w ghamlu l-hsara fuq x-xatba u meta ta’ Galea assaltjaw lil ta’ Mamo, laqtu x-xatba w ikkagunawlha l-hsara. Ix-xhud esibixxa kopja tal-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 71].

Illi nhar l-ewwel ta’ Dicembru 2003 **xehdet Evelyn Mamo** [fol 77] li qalet li l-hsara li sofrew fil-kancell taghhom tammonta ghal cirka mija u tlett liri maltin kif jirrizulta minn stima li esibiet bhala dokument ET [fol 80]. Qal li sa dakinhar ix-xatba kienet ghadha mhux imsewwija. Ikkonfermat li l-original tal-istima tinsab esibita fil-process. Spjegat wkoll li bejn d-dar taghha u dik ta’ Galea hemm passagg. Iddeskriviet kif nhar l-hamsa ta’ Novembru 2001, ghal habta tas-sitta w nofs ta’ filghaxija hi kienet qed tara t-*television* ma huha w ommha u semghet hafna hsejjes u rejzjar ta’ karozzi. Marret tittawwal mit-tieqa ta’ fuq flimkien ma ommha u huha u rat lil Joseph Galea flimkien ma ibnu Christopher Galea jippruvaw idahhlu *speed boat* fil-garaxx taghhom w ghalkemm ippruvaw diversi drabi, m’irnexxilhomx. Qalet li sakemm *l-ispeed boat* kienet fir-rampa, dawn t-tnejn ippruvaw jdahhluha b’idejhom u ma felhuwiex u konsegwenza ta’ hekk l-*ispeed boat* nizlet r-rampa u baqghet diehla fil-hajt tal-gardina taghha w ghamlet hoss qawwi. Qalet li huha mar icempel lil Pulizija biex jghidilhom x’kien gara u hi flimkien ma ommha nizlu isfel biex jaraw ezatt f’hiex kienet tikkonsisti l-hsara kagjonata.

Spjegat li huma ghandhom rixtellu zghir, u fethuh, hargu fil-passagg komuni u raw il-hsara fil-hajt li kienet tikkonsisti fi tlett cnagen imcaqalqha. Sakemm hargu barra sabu li l-*ispeed boat* kienet diga giet immexxija 'l hemm.

Spjegat li x'hin kienu qed jaraw l-hsara, Antonia Galea, Joseph Galea u Christopher Galea, bdew jghajjruhom u jinsulentawhom u lilha bdew jghajjruha b'missierha li kien mejjet. Qalet li huma ma tawx kazhom u kienu ser jidhlu gewwa meta Antonia Galea u Joseph Galea, li kellhom zewg tankijiet ta' hamsa w erbghin gallun fuq in-naha taghhom, bdew ikaxkruhom lejhom biex jimbuttawhom ghal fuqhom. Qalet li wiehed mit-tankijiet kien fih xi zejt u waddbuh fil-proprjeta taghha. Dan nonostante huma ma tawx kazhom u dahlu gewwa waqt li l-familja Galea baqghu jinsulentawhom.

Spjegat li Christopher Galea qal lil huha li kellu bzonn ghaxra bhalu u Joseph Galea hareg il-mus u qalilhom li kien ser joqtolhom bih u dan ghaliex ma riedux li huma jaraw l-hsara li kien hemm. Dak l-hin huha ghalaq il-bieb u dahal gewwa.

Fehmet li meta dawn raw hekk, u cioe li huma ma tawx kazhom, waqt li kienu ghadhom barra fil-gardina, raw lil Christopher Galea jaghti daqqa lil kancell b'saqajh, kisser il-kancell, dahal gewwa u qala r-rixtellu u flimkien ma Antonia Galea u Joseph Galea qabduh u bdew jsawwtuh bih. Qalet li waqqghuhom t-tlieta fl-art, iz-zejt li kien lahaq infirex mal-art u gie kollu ma hwejjighom u dawn bdew jaghtuhom bis-sieq u bil-ponn u hi tkaxkret biex tmur iccempel lil Pulizija. Qalet li kif indunaw b'dan, telqu minn hdejha.

Huma baqghu jistennew lil Pulizija u sakemm gew, Christopher Galea harab minn fuq il-post bil-vann tieghu. Qalet li meta gew il-Pulizija hi nfurmathom b'dan u huma dahlu fil-proprjeta taghha u fil-passagg. Qalet li Antonia Galea u Joseph Galea raw lil Pulizija dehlin ghandhom u dahlu maghhom fil-proprjeta taghha. Insistiet li fil-

presenza ta’ Antonia Galea, Joseph Galea beda jheddidha li kien ser joqtolha u hi talbet lis-Surgent PS 667 biex jiehu nota ta’ dak li kien qed jghid. Qalet li s-Surgent beda jsikkithom u qalilhom biex imorru lura f’darhom. Qalet li ma dan s-surgent kien hemm pulizija iehor. Qalet li hi kellha diversi griehi. Hi esibiet c-certifikati medici taghhom t-tlieta kif wkoll l-istima tal-hsara fil-hajt li gew immarkati bhala dokument AB 1, AB 2, AB 3 u ET. Qalet li wara marru c-centru tas-sahha sabiex jiddewwew. Ikkonfermat wkoll li hi u huha hadu r-ritratti li jinsabu nseriti fil-process.

Illi nhar l-ewwel ta’ Dicembru 2003 **xehed Joseph Mamo** [fol 83] li qal li fil-hamsa ta’ Novembru 2001, ghal habta tas-sitta w nofs ta’ filghaxija hu kien qed jara t-*television* meta f’hin minnhom semgha hafna hsejjes bhal rejzjar ta’ karozzi u mar jittawwal mit-tieqa tas-sular ta’ fuq li taghti ghal dik in-naha tal-passagg u kif hares ra lil Joseph Galea u Christopher Galea qed jippruvaw jdahhlu *speed boat* kulur abjad bil-faxxi bil-kulur bin-numru ta’ registrazzjoni S-081, ghal gol-garaxx taghhom. Qal li dawn ippruvaw idahhluha bil-karozza ta’ Joseph Galea stess imbaghad indunaw li ma setghux jaghmlu hekk w ippruvaw idahhluha b’idejhom. Qal li peress li l-*ispeed boat* kienet fuq r-rampa, quddiem il-garaxx, qalghu l-pin biex firdu l-*ispeed boat* minn mal-karozza w ippruvaw idahhluha b’idejhom. Qal li ma felhux, ghelbithom u dahlet fil-hajt tal-gardina taghhom, faccata tal-garaxx taghhom stess. Qal li Antonia Galea kienet qed issegwi kollox. Qal li dak l-hin sema’ hoss u qabad u cempel lil Pulziija tal-Mosta biex jinfurmhom x’kien qed jigri. Qal li sakemm huma hargu, il-familja Galea kienu gia warrbu l-*ispeed boat* aktar ‘l isfel.

Qal li hu hareg, fetah il-*gate* mill-firrolli, u mieghu kien hemm ohtu w ommu u l-imputati odjerni bdew jghajjtu u jinsulentawhom u jhedduhom b’hafna kliem oxxen. Qal li fost il-kliem li qalu kien hemm li kienu ser joqtluhom. Ikkonferma dak li qalet Evelyn Galea u cioe li Christopher Galea qallu li ried ghaxra bhalu u li kien jaf li jkun fit-tali post u li kien ser imur jfittxu hemmhekk. Qal li dak l-hin Joseph Galea hareg mus minn gol-but, fethu u qalilhom

"B'dan noqtolkom". Mistoqsi jekk hu qalx dan d-diskors lil Pulizija ix-xhud qal li ma jiftakarx u qal li dakinhar kien stordut bid-daqqa li kien qala.

Qal li kien hemm zewg tankijiet tal-hamsa w erbghin fuq in-naha taghhom li kienu msadda u go wiehed minnhom kien hemm zejt mahruq, u xi membru tal-familja Galea, ressquhom lejn in-naha taghhom u meta rawhom dehlin lura f'darhom, l-imputati ppruvaw jimbutthom lejn t-tankijiet. Qal li qalbu t-tank li kien fih iz-zejt ghal fuq il-proprjeta taghhom w iz-zejt infirex mal-art. Qal li huma dahlu 'l gewwa, ghalqu l-firroll tar-rixtellu waqt li Christopher Galea baqa jheddidhom u jghid certu kliem u meta ra li huma ma tawx kazu, qabad u ta daqqa ta' sieq lir-rixtellu qal li bid-daqqa r-rixtellu waqa mal-art u Christopher Galea qabdu b'idejh t-tnejn, refghu, dahal fil-proprjeta taghhom flimkien ma ommu u missieru w ippruvaw jimbuttawhom mal-art bl-istess rixtellu u baqghu jimbuttawhom sa gewwa. Qal li Christopher Galea habbatlu rasu mal-kantuniera tal-koxxa tal-hajt u qasamihlu, tant li spicca bid-demm niezel ma hwejjgu u fil-fatt mar jaghmel certifikat l-poliklinika tal-Mosta dakinhar. Qal li waqt li kienu mal-art, dawn baqghu jaghtuhom bis-sieq u bil-ponn u l-ghada filghodu qamu bit-tbengil. Qal li rasu baqghet tugghu u anke mar jiehu X Rays. Meta gie muri r-ritratti a fol 5 tal-atti ix-xhud qal li whud minnhom kienu gew migbuda minnu.

Illi nhar l-hmistax ta' Marzu 2004 **xehed Grazio Gerada** [fol 88] li qal li hu direttur tas-socjeta Ezy Limited. Meta gie muri d-dokument ET [fol 81] ikkonferma li dik hija kwotazzjoni mahruga minnu f'isem Joseph Mamo. Qal li hu kien mar fuq il-post u ra kancell miksur u fil-fehma tieghu ma kienx vallapena li jissewwa peress li kellu hafna zmien fuqu u biex jirrangah kien jigi jiswa aktar milli jsir mill-gdid w ghalhekk hu hareg kwotazzjoni fl-ammont ta' mija u tlett liri maltin u hamsin centezmu, VAT inkluz. Qal li l-kancell in kwistjoni hu rah mal-art miksur pero hu ma fliehx. Mistoqsi jekk kienx hemm xi pellets, ix-xhud mgharafx jwiegeb. Qal li min originarjament kien hadem l-imsemmi kancell, ma kienx tas-seghna w ghalhekk hu hareg kwotazzjoni ghal kancell b'sahhtu u gdid. Ix-xhud

qal li ma kienx f'posizzjoni li jaghti kwotazzjoni ghal kancell li kien sab fuq il-post.

Illi nhar l-hmistax ta' Marzu 2004 **xehdet Domenica Mamo** [fol 90] li qalet li l-imputata Antonia Galea tigi ohtha u toqghod faccata taghha u li bejniethom hemm triq. Qalet li fil-hamsa ta' Novembru 2001, hi kienet qed tara t-*television* mat-tfal taghha meta f'hin minnhom semghet hafna hsejjes u storbju u meta ttawwlet mit-tieqa biex tara x'kien qed jigri, dak l-hin rat lil imputati Christopher Galea u Joseph Galea, li gharfet presenti fl-awla, li kienu qed jdahhlu *speed boat* fil-garaxx. Qalet li damu jippruvaw u x'hin ma setghux jdahhluha, ippruvaw jaqilghu l-*ispeed boat* minn mal-karozza ta' Joseph Galea biex jippruvaw jdahhluha b'idejhom, pero ma felhuhiex u bit-toqol, d-dghajsa dahlet fil-hajt tal-gardina taghha u ghalhekk nizlet biex tara xi hsara kien hemm. Qalet li kif nizlet mat-tfal, dawk nehhew l-*ispeed boat* minn hemmhekk u ghamluha la gembha. Qalet li hi rat hsara u l-imputati bdew jhedduha biex ma tohrogx fil-passagg li hemm komun bejniethom u bdew jghajjruha bil-mejjet zewgha u jinsulentawhom waqt li jghidu xi kliem mhux xieraq. Qalet li fuq il-post kien hemm tlett cnagan imcaqalqha w imdahhla 'l gewwa. Qalet li x'hin rat hekk, dahlu lura 'l gewwa. Ziedet tghid li l-imputat Joseph Galea beda jheddidha u jghid li ser joqtolhom u hareg mus mill-but u beda jurihulhom u jheddidhom bih biex ma johorgux jaraw l-hsara li kienu ghamlu. Qalet li kif kienu dehlin lura f'darhom, ghalqu l-kancell bil-firoll u meta l-imputati raw li huma ma kienux taw kazhom, l-imputat Christopher Galea beda jirrabbja u ta daqqa bis-sieq lil kancell, kissru u qalghu mic-cacciz u beda jaghtihom bih. Ikkonfermat li wara, ommu u missieru bdew jsawwtuhom wkoll.

Kompliet tghid li lil bintha Evelyn Mamo waqqghuha mal-art u bdew ghaddejjin minn fuqha. L-imputat Christopher Galea qabad lil tifel Joseph Mamo u habbatlu rasu mal-koxxa tal-bieb u lilha u lil bintha Evelyn Mamo bdew jaghtuhom kullimkien waqt li kienu fil-passagg taghhom. Mistoqsija jekk weggghetx ix-xhud wiegbet fl-affermattiv u li lanqas felhet tqum u li wara marru l-poliklinika fejn gew invistati minn tabib. Ziedet tghid lil lit-tifel qalulu biex imur

l-isptar biex jittehidlu X Rays peress li kellu rasu maqsuma. Qalet li hi nghatat certifikat mediku li esibiet bhala dokument Z. Ziedet tghid li fejn il-kancell, hdejn l-imputati, kien hemm zewg tankijiet taz-zejt u l-imputati bdew jwaddbuhom fid-direzzjoni taghhom u qalbuhom fil-passagg taghhom u l-passagg taghhom imtela biz-zejt, kif muri fir-ritratti esibiti.

Ix-xhud kompliet tghid li huma dahlu d-dar u l-imputat Christopher Galea baqa diehel warajhom f'darhom u lit-tifel taghha habbtulu rasu mal-koxxa tal-bieb. Qalet li l-genituri tal-imputat Christopher Galea, dahlu fid-*drive in* taghha. Ix-xhud qalet li l-kancell li kien hemm kien sar fuq ordni ta' zewgha, minn mastrudaxxa, li ma kienetx taf min hu, u kien sewa' mija u tlett liri. Qalet, pero li ma kienetx taf meta kien sar l-imsemmi kancell, pero izjed minn ghoxrin sena. Fuq suggeriment tal-avukat difensur, ix-xhud Domenica Mamo kkonfermat li zewgha kien ghamel l-kancell pero ma kienx tal-injam ghaliex l-injam kienu ordnawh minghand mastrudaxxa. Qalet li l-kancell li tkisser f'dan l-incident kienu remewh.

Illi nhar l-hamsa ta' Mejju 2004 **xehed l-imputat Joseph Galea** [fol 95] fejn qal li nhar l-hamsa ta' Novembru 2001, hu u ibnu Christopher Galea kienu qed jippruvaw idahhlu l-*ispeed boat* fil-garaxx taghhom u wara li ttentaw darbtejn raw li ma kienx possibbli tidhol w iddecidew li jaqilghuha minn mal-karozza. Qalugha u nizzluha mal-art fuq *trailer*. Qal li ma setghetx laqtet il-hajt, kif stqarru l-familja Mamo, ghaliex kieku qabel kienet tolqot il-karozza taghhom qabel. Qal li l-ghafsa li kellhom ta' Mamo fuq l-hajt taghhom, kienet ilha li saret mis-sena 1995 jew 1996 u fil-fatt xi ghaxar xhur qabel, Domenica Mamo kienet qaltlu, b'referenza ghal ghafsa fil-hajt, u hu kien qalilha biex tara minn kien ghamililha.

Zied jghid li waqt li hu u ibnu kienu hdejn l-ispeed boat, raw lil mara tieghu Antonia Galea b'daqqa ta' gebla ma rasha w ghalhekk hu w ibnu marru jigru lejha u raw lil Domenica Mamo u lil Joe b'gebla f'idejhom. Qal li meta gara hekk, Ron, Evelyn u Domenica dahlu jigru minn gol-*gate* bil-*gate*, b'kollox. Qal li n-naqra nkwiet li kien hemm

bejn t-tifel ta’ Mamo w ibnu kien li kemmkemm xejjru b’idejhom. Zied jghid li l-kancell kien maghmul minn xi njam tal-kaxxi jew *pellets*. Ix-xhud esbixxa ritratt tal-kancell in kwistjoni li gie mmarkat bhala dokument Z [fol 98]. Qal li ftit ‘l fuq minnhom, hemm rixtellu iehor b’xatba simili u din ghadha tezisti sa llum. Qal li pero x-xatba l-ohra, hu ma messiex, hemm ghadha. Qal li x-xatba nkisret mill-familja Mamo meta dahlu fiha huma stess ghaliex hu fl-ebda hin ma messha b’idejh.

Ix-xhud qal li mhux minnu dak li allegaw l-familja Mamo li huma messew r-rixtellu u li fl-ebda hin ma refghu idejhom fuqhom. Mistoqsi jekk kienx hemm xi demm fuq r-rixtellu, ix-xhud qal li ma jidhirlux. Mistoqsi ghaliex l-familja Mamo dahlu jigru ‘l gewwa meta rawhom sejrin lejn il-mara, ix-xhud stqarr li ma setghax jwiegeb u li kien ikun ahjar li din il-mistoqsija ssir lilhom. Qal li kien jaf li l-familja Mamo kellhom xi grif fuqhom pero minn fejn gie dan il-grif, ix-xhud qal li ma setghax jghid. Qal li kull ma jaf hu li t-tifel tal-familja Mamo u ibnu xejjru idejhom lejn xulxin. Cahad li huma dahlu wara l-konjugi Mamo fil-bitha taghhom. Qal li waslu biss sa fejn il-grada u li l-imsemmija grada, dak l-hin kienet mimduda mal-art. Cahad dak li kien qed jigi allegat mill-Prosekuzzjoni li l-grada kissruha huma meta baqghu dehlin biha b’kollox.

Illi nhar s-sebgha ta’ Settembru 2005 **rega’ xehed l-imputat Joseph Galea** [fol 128] fejn esibixxa ritratt mehud tax-xatba ‘n kwistjoni li gie mmarkat bhala dokument F [fol 130]. Zied jghid li llum il-gurnata x-xatba saret tal-hadid mill-familjari ta’ ommu. Qal li originarjament ix-xatba kienet tal-injam.

Illi nhar l-hamsa ta’ Mejju 2004 **xehdet l-imputata Antonia Galea** [fol 99] li qalet li nhar il-hamsa ta’ Novembru 2001, gal habta tas-sitta w nofs ta’ filghaxija, zewgha w t-tifel taghhom kienu qed jdahhlu d-dghajsa fil-garaxx meta f’hin minnhom rat lil familja Mamo fit-tieqa jinsulentaw lil zewgha u lil binha u ghalhekk harget biex tara x’kien qed jigri. Qalet li hi qaghdet hdejn zewgha u binha ghaliex ma setghux jdahhlu d-dghajsa ghaliex sabu diffikulta peress li zewgha huwa anzjan u kellu biss l-

ghajnuna ta' binha. Qalet li peress li sabu diffikulta, dawn nizzluha 'l isfel u sa dak l-hin, l-familja Mamo, u cioe Joseph Mamo w ommu Domenica Mamo, nizlu wkoll. Qalet li kien hemm zewg tankijiet wara l-*gate* u tajjruhom bis-sieq u hi dak l-hin qaltilhom biex jidhlu 'l gewwa biex ma jinqalghax inkwiet. Ziedet tghid li appena nizlet biex ttella' t-tankijiet f'posthom, qalghet daqqa kbira ta' gebla f'rasha.

Mistoqsija min ghand minn qalghet d-daqqa ta' gebla, ix-xhud qalet li hi kienet rasha 'l isfel u ma setghetx tghid min ghand minn. Qalet li kellha xokk kbir, stordiet u waqghet mal-art. Qalet li wara ftit rat lil Domenica Mamo ser tigbor gebla ohra pero lahqet sgiccat u m'intlaqtitx. Qalet li hi bdiet tghajjat bl-ugiegh u rat lil zewgha u lil binha resqin lejha. Qalet li sa dak l-hin lahqet nizlet wkoll t-tifla tal-familja Mamo w it-tlieta li kienu dahlu jigru 'l gewwa meta raw lil zewgha riesaq lejha. Qalet li hi wara dahlet gewwa biex timmedika ruhha peress li kellha hafna demm f'subajha peress li kienet waqghet mal-art. Qalet li wara kien mar Surgent li qalilha biex tmur l-poliklinika biex tiddewwa u meta marret t-tabib baghatha dritt l-emergenza. Qalet li l-isptar ittehdilha X Rays u wara xi saghtejn rritornat lura d-dar. Ix-xhud esibit fotokopja tac-certifikat rilaxxjat fil-konfront taghha li gie mmarkat bhala dokument S. Qalet li rasha ghadha thossa sa llum. Qalet li hi ma kienetx taf kif sofriet l-griehi li kellha Domenica Mamo ghaliex hi kienet gewwa. Qalet li hi ma rat ebda glieda bejn il-familja taghha u dik ta' Mamo ghaliex kienet fl-art storduta.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2004 **xehed l-imputat Christopher Galea** [fol 110] li qal li dakinhar tal-incident huma kienu qed jippruvaw jdahhlu dghajsa fil-garaxx u ghal xi raguni jew ohra din ma setghetx tidhlilhom w ippruvaw jdahhluha b'idejhom, ghalkemm quddiemhom kien hemm l-karozza pero xorta m'irnexxilhomx w ghalhekk regghu qabduha mal-karozza. Sussegwentement hargu l-familja Mamo jghajjtu u jghidu li kienu laqtulhom il-hajt. Qal li dan ma setghax ikun ghaliex kieku kien gara hekk, l-ewwel ma kienet tintlaqat kienet il-karozza u din ma laqtitx la l-karozza u lanqas il-hajt. Qalet

li sussegwentement l-familja kollha ta' Mamo bdew jghajjtu m'ommu Antonia Galea u biex ma jinqalghax aktar inkwiet, hadu d-dghajsa quddiem l-gardina taghhom. Qal li hin minnhom semgha tgewwigija, dar u ra lil ommu mal-art u kellha daqqa f'mohha. Sussegwentement l-familja Mamo harbu minn fuq il-post u tefghu l-gate quddiemhom. Qal li Joseph Mamo u hu bdew jxejjru minn naha ghal ohra.

Cahad dak li qalu x-xhieda li hu kisser xi xatba. Qal li hu kellu wkoll grif f'wiccu pero ma marx jaghmel certifikat. Qal li l-grif li kellu Joseph Mamo setghu gew kagjonati minnu pero qal li hu ma mess lil hadd iehor.

Illi nhar t-tnejn ta' Mejju 2005 **rega' xehed l-imputat Christopher Galea** [fol 122] li qal li f'hin minnhom l-familja Mamo spiccaw fid-*drive in* taghhom. Qal li fiz-zmien tal-incident, *d-drive in* kien ghadu taghhom biss u li llum il-gurnata, kien miet z-ziju w ghalhekk d-*drive in* sar in komun mal-ohrajn u li hu taghhom u tal-kumplament tal-ahwa. Qal li Rita Mamo hija wahda mill-ahwa. Qal li fix-xatba taghhom waqt l-incident huma qatt ma spiccaw. Cahad dak li kien qed jigu suggerit mill-avukat tal-parte civile li hu dahal 'l gewwa mix-xatba. Cahad dak li kien qed jigi suggerit li hu kien xehed fi proceduri ohra fejn kien qal li hu kien dahal mill-bieb 'l gewwa tal-familja Mamo. Qal li kif rifes l-ghatba, kien zammu missieru minnufih. Qal li dak l-hin hu mar biex jaqbez ghal ommu ghaliex kienu tawha daqqa b'gebla. Qal li huma bdew jxejjru u hu beda jxejjer ukoll minn naha ghal ohra u missieru beda jferraqhom, beda jzommu minn wara.

Meta gie amuri ritratt dokument EM, partikolarment b'referenza ghaz-zejt muri fl-imsemmi ritratt, ix-xhud qal li l-familja Mamo kienu qalbu t-tank muri. Kienu tefghu x-xatba 'l quddiem u baqghu dehlin b'kollox. Ix-xhud ikkonferma li x-xatba nizzluha tal-familja Mamo.

Meta gie muri zewg ritratti ohra fejn hemm l-kuginni tieghu ix-xhud qal li fuq hwejjighom kien hemm xi zjut u meta gie mistoqsi kif spicca dak iz-zejt fuqhom, ix-xhud qal li jahseb li z-zejt spicca fuqhom meta huma stess waqghu mal-art.

Qal li waqt l-argument li kellhom bejniethom, waqghu huma u hu wkoll, pero hu ma ntmeliex biz-zejt ghaliex hu ma waqghax fuq iz-zejt. Qal li ma kienx hemm cans li jara l-feriti, ghalkemm qal li hu mhux jghid li ma kienx hemm feriti.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2004 **xehed Joseph Galea** [fol 112] li qal li hu ma jigix mill-imputati odjerni. Qal li xi zmien ilu hu kien mar jaghmel xi madum ghand l-imputat Joseph Galea u dan fis-sena 1976. Qal li bejn il-proprjeta tal-familji Mamo u Galea hemm passagg. Qal li f'dan il-hajt dakinhar hu kien osserva li kien hemm gebla mtajjra u dan jafu peress li hu kien pparkjat quddiemha w ghalhekk bilfors li kien raha. Qal li fuq in-naha tax-xellug int w diehel kien hemm bicca mtajjara, u kienet gholja mill-art xi tlett filati jew erbgha. Qal li hu kien parkeggjat faccata tad-dar tal-familja Galea w ghalhekk hu setgha jara l-gebla mtajjra peress li kienet faccata tieghu.

Il-Qorti ezaminat l-affidavit ta' Doctor Ivan Cacciattolo datat erbgha w ghoxrin ta' April 2002, fejn ikkonfema li nhar l-hamsa ta' Novembru 2001, ghal habta tas-sebgha u nofs neqsin hamsa, huwa kien ezamina lil Joseph Mamo u sab li kien qed jsofri minn barxa fuq in-naha tax-xellug ta' mohhu, ezatt taht x-xaghar, brix fuq in-naha ta' wara tal-minkeb tal-lemin u barxa zghira fuq l-irkoppa tal-lemin, ezatt fuq l-galletta u li tali griehi kienu ta' natura hafifa.

Illi permezz t'affidavit iehor esibit fl-atti a fol 8, wkoll datat sitta w ghoxrin ta' April 2002, l-istess Doctor Ivan Cacciattolo, ikkonferma wkoll li huwa kien ezamina lil Evelyn Mamo fl-istess jum u fl-istess hin wkoll fic-centru tas-Sahha tal-Mosta.

Il-pazjenta kienet qed issofri minn hmura fuq in-naha tax-xellug ta' ghonqha, hmura fuq in-naha ta' gewwa ta' sidirha tax-xellug, tbengila twila xi hames centimetri fuq in-naha ta' isfel tax-xellug taz-zaqq, ghafsa kbira ta' hmur fin-naha ta' fuq ta' dahra, u tbengila fuq in-naha ta' wara fuq il-lemin ta' isfel mill-qadd. Dawn il-griehi, Doctor Ivan Cacciattolo, kklassifikhom bhala ta' natura hafifa.

Illi Doctor Ivan Cacciattolo ezamina wkoll lil Domenica Mamo fl-istess jum u hin u sab li kellha tlett barxiet zghar fuq in-naha ta' gewwa ta' driegha tax-xellug, hmura fuq in-naha ta' wara ta' ghonqha, u barxa twila xi ghaxar centimetri fuq gembha tal-lemin xi hames centimetri 'l fuq mill-qadd. Dawn il-feriti gew wkoll klassifikati bhala ta' natura hafifa.

Doctor Joseph Scicluna ppresenta affidavit nhar s-sbatax ta' April 2002, fejn ikkonferma li kien ezamina lil Antonia Galea fil-hamsa ta' Novembru 2001 fid-disgha neqsin hamsa ta' bil-lejl u sab li kellha kontuzjoni fuq mohha n-naha tax-xellug, qasma zghira n-naha ta' gewwa tax-xoffa ta' isfel, barxa fuq is-seba tac-curkett tal-id ix-xellugija, liema griehi huwa kkonferma bhala ta' natura hafifa.
Ikkunsidrat:

Illi hawnhekk, il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti ta' kif sehh l-incident. Il-Prosekuzzjoni qed tghid li l-imputati hebbew ghal kwerelanti w ikkagunawlhom diversi feriti kif deskritti mit-tobba fil-process w inoltre kkagunaw hsara fil-proprjeta taghhom u dik il-versjoni tal-imputati li jghidu li huma gew attakkati u vjolentati mill-familja Mamo waqt li kienu qed jittantaw idahhlu l-*ispeed boat* fil-garaxx taghhom.

Illi pero din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli hdejn Qrati ohra ghaliex ghexet l-process hi stess w ghalhekk setghet taghmel apprezzament tax-xhieda li xehdu, l-imgieba taghhom, tal-mod kif iddeponew u ta' kull interess li setgha kellhom. Hija wkoll rinfaccata b'ritratti li mhux kontestati mill-partijiet, minn certifikati medici u dokumenti ohra.

Illi din il-Qorti ma thossx li l-versjoni tal-fatti kif esposti mill-kwerelati huma aktar veritieri fic-cirkostanzi u m'ghadha ebda raguni ghalhiex m'ghandhix temminhom, molto piu meta sa certu punt, huma kolloborati mill-istess imputati.

Il-kwerelanti jghidu li l-imputati kienu qed jippruvaw jdahhlu l-*ispeed boat* taghhom fil-garaxx u kien meta

m'irnexxilhomx jdahhluha li l-*ispeed boat* spiccat fil-hajt taghhom, li l-istess kwerelanti ntebhu b'dak li kien ghaddej minhabba l-hoss li d-dghajsa ghamlet bl-impatt. Illi l-kwerelanti wkoll jghidu li l-imputati qalghu r-rixtellu u fil-fatt r-rixtellu jidher fir-rirtratti esibiti, mixhut mal-art, li l-imputati tefghu z-zejt mal-art u dan wkoll huwa muri fl-imsemmija ritratti u li taw diversi daqqiet kif del resto jikkonfermaw c-certifikati medici u li spiccaw mal-art kif jidher miz-zejt muri fuq hwejjighom fl-istess ritratti esibiti.

L-imputati jghidu li kienu huma li gew assaltjati u li kienu l-kwerelati stess li tefghu z-zejt; pero haga tal-iskantament, m'ghamlu ebda rapport dwar dan; haga mprobabbli li ser jhammgu l-proprjeta taghhom stess, u li qalghu x-xatba taghhom huma stess b'rabbja.

Il-Qorti ma thossx li l-imputati kienu veritieri f'dak li qalu anke minhabba l-fatt li hafna mid-domandi li ghamlet il-Qorti lilhom, baqghu bla risposta.

Illi ghalhekk il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 221, 325(b), 338(dd), 338(bb), 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-fedini penali tal-imputati minn fejn jirrizulta li Christopher Galea kiser dufrejh mal-ligi f'okkazzjoni wahda biss fis-sena 2000, fuq kontravenzjoni, meta nghata canfira u twiddiba. Antonia Galea wkoll kisret dufrejha mal-ligi f'okkazzjoni wahda biss u dan fis-sena 2000, meta nstabet hatja li kkagunat feriti hfief fuq l-istess Domenica Mamo u Evelyn Mamo w inghatat probation ghal perjodu ta' tlett xhur. Joseph Galea ghandu sebgha convictions mis-sena 1965 sas-sena 1996, pero lkoll ta' portata zghira w ghalhekk, fic-cirkostanzi, l-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' multa.

**Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li ssib lil imputati JOSEPH GALEA, ANTONIA GALEA u CHRISTOPHER GALEA hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghhom u tikkundannahom jhallsu multa ta' mija u hamsin lira [LM 150] kull wiehed.**

**In oltre tobbliga lit-tlett imputati li ma jkellmux, ma jimmolestawx, ma jingurjawx u ma jheddux lil Joe Mamo, lil Charlie Mamo, lil Ron Mamo, lil Evelyn Mamo u lil Domenica Mamo ghal perjodu ta' sena mill-lum taht penali ta' mitt lira fin-nuqqas ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lit-tlett imputati u x'jigri jekk jonqsu li josservawha w huma ddikjaraw li fehmu ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------